MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1481/2003

**Frederick Frendo Cumbo**

**vs**

**Alfred Martin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) dovuti bhala danni kagunati fil-mutur tal-attur, inkluz prezz ta' survey, b'rizultat ta' ncident stradali li sehh fit-8 ta' Settembru 2002, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura AGT 001 u dahal fil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni CUM 900 misjuq u propjeta' tal-attur, ghall-liema ncident kein unikament responsabbli il-konvenut minhabba

imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa ecepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwstjoni.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut qieghed jikkontesta d-danni lamentati mill-attur.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda ta' Frederick Galea Cumbo, James Vella, PC277, Colin Cassar, Joseph Pisani, Janet Martin u ta' Alfred Martin. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-8 ta' Settembru 2003, fi Triq it-Turisti, Bugibba. Il-mutur tal-attur bin-numru tar-registrazzjoni CUM 900 kien parkeggjat fl-imsemmija triq quddiem La Stalla Reataurant u kien parkeggjat angolat bil-parti ta' quddiem tieghu thares il-barra u cioe' bir-rota ta' wara tmiss mal-bankina. L-attur xehed li wara li kien ilu li pparkeggja l-mutur xi kwarta gew jghidulu li kienu laqtulu l-mutur. Huwa hareg barra u sab il-mutur maqlub mal-art, imwaqqa' fuq il-lemin tieghu u kien hemm il-vettura tal-konvenut quddiemu. L-attur spjega li l-vetttura tal-konvenut kienet diga' quddiem il-mutur fil-mument li huwa pparkeggja l-mutur. Kien hemm xi nies li qalulu li l-mutur kien gie milqut mill-konvenut waqt li dan tal-ahhar kien qed jirreversja. L-attur jghid ukoll li l-konvenut kien accetta li jaghmel tajjeb ghall-hsara u qallu li l-hsara kienet minima u ma kienitx tammonta ghal aktar minn tlett liri Maltin. Dejjem skond l-

attur, il-konvenut kien talbu stima ta’ sprayer. Il-konvenut min-naha l-ohra jichad li huwa laqat il-mutur tal-attur u jsostni li huwa kien ghadu l-anqas biss startja l-vettura tieghu meta hargu xi nies jghajtu u qalulu li kien laqat il-mutur tala-ttur. Il-konvenut jghid li huwa kien accetta biex jaghmel tajjeb ghal hsara fil-mutur tal-attur ghaliex skond hu din il-hsara kienet minima u huwa ma riedx li jkollu nkwiet.

It-Tribunal jidhirlu li l-attur rnexxielu jipprova soddisfacentement li l-konvenut kien respponsabbli ghall-incident tat-8 ta’ Settembru 2002 u dan ghas-segwenti ragunijet:-

1. L-attur ipproduca bhala xhud lil James Vella li kkonferma li huwa ra lill-konvenut jirreversja u jolqot il-mutur tal-attur u t-Tribunal m’ghandux ghalfejn jiddubita mill-veracita’ ta’ dak li qal dan ix-xhud;
2. PC 277 Joseph Cini kkonferma li meta huwa kellem lill-konvenut dan kein qallu li jista’ jkun li rreversja izda ma kienx jaf li kien laqat il-mutur tal-attur;
3. Il-konvenut ikkonferma li huwa ma kienx ra l-mutur wara l-vettura tieghu meta dahal fl-istess vettura u qal ukoll li l-vettura tioeghu kienet gholja filwaqt li l-mutur kien baxx;
4. Il-fatt li l-konvenut accetta li jhallas ghall-hsara fil-mutur tal-attur tindika li huwa irritjena li kien responsabbli ghal tali hsara u t-Tribunal ma jidhirlux li l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut fir-rigward hija accettabbli fis-sens li wiehed difficilment jaccetta respponsabilita’ ghall-incident stradali jekk verament jirritjeni li huwa l-anqas biss kien startja l-vettura tieghu.

Una volta stabbilit li l-konvenut kien respponsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-8 ta’ Settembru 2002, it-Tribunal sejjer issa jghaddi sabbiex jikkunsidra l-quantum tad-danni reklamati mill-istess attur.

Fl-Avviz tat-Talba l-attur indika l-valur tad-danni minnu sofferti bhala konsegwenza tal-incident tat-8 ta’ Settembru 2002 fl-ammont ta’ Lm1,500.00 izda fil-mori tal-kawza huwa spjega li ma kienx ghadu effetwa t-tiswijiet u huwa

esebixxxa stima rilaxxjata minn sprayer (a fol. 14) fejn il-prezz tal-labour u spray gie ndikat bhala LmLm143.75. L-attur esebixxa wkoll survey report imhejji minn Colin Cassar (a fol. 16) fejn il-prezz tal-labour, spray u sostituzzjoni ta’ parts gie stmat fl-ammont ta’ Lm350.00. L-attur hallas Lm15.00 sabiex isir dan is-survey report (ara ricevuta a fol. 15). L-attur spjega li huwa ma kienx ghadu effetwa t-tiswijiet in kwistjoni u indika wkoll li l-hsara fl-exhuast can kienet hemm qabel l-incident.

Il-konvenut qieghed jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati stante li jirritjeni li huma eccessivi u skond hu l-hsara fil-mutur kienet tikkonsisti biss f’girfa zghira, kwistjoni ta’ Lm6.00 kollox sabiex tigi sprayed. Mix-xhieda tas-surveyor Colin Cassar jirrizulta li l-hsara fuq il-mutur kienet kollha kemm hi fuq in-naha tal-lemin tal-mutur u li din il-hsara kienet perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident de quo. Is-surveyor spjega li “fl-opinjoni tieghi il-hsarat riskontrati fil-mutur saru ghaliex il-mutur  ittopilja b’mod hafif ciioe’ kien hemm waqgha hafifa. Il-hsarat m’humiex kbar izda rrid nghid li dan it-tip ta’ mutur il-parts tieghu jiswew hafna flus”. Dan ix-xhud spjega wkoll li l-parts kollha msemmija fis-survey kollha jehtieg li jinbidlu u ma jistghux jissewwew.

Tenut kont ta’ dan kollu li ghadu kemm inghad fil-paragrafu precedenti u tal-fatt li kif irrizulta mill-provi l-mutur kellu xi hsara fl-exhuast can qabrl id-data tal-incident, id-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident talt-8 ta’ Setttembru 2002 qed jigu likwidati fl-ammont ta’ Lm300.00.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300.00) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300.00), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------